MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 227/2004

**“A”**

**vs**

**“B” fil-kwalita’ taghha ta’ legittima rapprezentanti ta’ bintha minuri “C”; u b’digriet tas-26 ta’ Mejju 2005 Dr. Ramona Frendo giet mahtura kuratur biex tidher ghall-interess ta’ l-istess minuri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta’ Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta *nomine* huma l-genituri, legalment separati tal-minuri “C”;

Illi l-attur investa s-somma ta’ sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) fi *stocks* tal-Gvern (5% Malta Government Stock 2021, MT0000011164, ara Dok “A”), liema *stocks* tal-Gvern huwa nghata l-parir li jixtrihom f’isem bintu minuri “C”;

Illi dan sar ghaliex l-attur inghata parir fis-sens illi seta’ facilment ibiegh l-istess *stocks* f’kaz li jkun irid jirrealizza l-investiment tieghu, u ma giex infurmat illi kienet mehtiega l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti sabiex tali *stocks* jinbieghu;

Illi ghalkemm l-i*stocks* in kwistjoni nxtraw f’isem il-minuri “C”, fil-fatt gew mixtrija bi flus appartenenti lill-attur u li gew zbankati minn kont personali tieghu (ara Dok “B”) minghajr ma saret l-ebda donazzjoni a favur il-minuri ta’ tali flus;

Illi recentement l-attur gie bzonn il-flus in kwistjoni sabiex jixtri proprjeta’ (ara Dok “C”), u skopra li l-parir li kien inghata kien erronju, billi kellu bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili biex ikun jista’ jbiegh l-i*stocks* mixtrija (ara Dok “D”), u billi fi kwalunkwe kaz il-Qorti msemmija ma kenitx ser tippermettilu jiddisponi liberament mir-rikavat tal-bejgh;

Illi fil-fatt l-attur intavola r-rikors Numru 384, li kopja tieghu u tad-digriet relattiv Numru 545/2004 jinsabu hawn annessi bhala Dok “E”, liema rikors gie michud ghar-ragunijiet premessi;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tiddikjara li l-i*stocks* f’MSE A/c No. 242772, miftuh l-isem it-tifla minuri ta’ l-attur, “C”, fl-ammont ta’ sbatax-il elf 5% Malta Government Stock 2021 (MT0000011164), Allotment Nru 4460579 jappartjenu effettivament lill-attur “A”;

2. Konsegwentement u in vista tad-dikjarazzjoni maghmula *ai termini* ta' l-ewwel talba u ta' l-**artikolu 35 Kap. 12 Ligijiet ta' Malta**, tirrevoka, tannulla u thassar id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) Numru 545/2004, u taghti l-provvediment mehtieg sabiex l-attur ikun jista' jiddisponi mill-investiment minnu maghmul f'isem it-tifla minuri tieghu "C".

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat id-digriet affidavit tal-Qorti moghti lill-partijiet fit-2 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri taghhom, li jkollhom wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat il-verbal tas-26 ta' Mejju 2005 fejn l-attur ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-Qorti ordnat lill-attur jesebixxi kopja legali dattilografata ta' l-atti kollha li saru quddiem il-Qorti Civili – Gurisdizzjoni Volontarja. Il-Qorti nnominat lil Dr. Ramona Frendo bhala kuratur ghall-interessi tal-minuri f'din il-kawza, u ordnat li tali nota tigi rispekkjata fl-okkju. Il-Qorti kkonfermat id-digriet ta' l-affidavits u nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa s-seduti li hemm bzonn.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-1 t'Awissu 2005 fejn xehed l-attur **"A"**, u tal-11 t'Awissu 2005 fejn kompla jixhed l-**attur** u xehdet ukoll il-konvenuta **"B"**, u anke rega' xehed l-**attur**.

Rat in-nota ta' l-attur datata 23 ta' Settembru 2005 fejn esebixxa hames (5) dokumenti, fosthom kopja legali ta' digriet moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2005 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi, u l-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat li minkejja li l-konvenuta "B" giet notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-11 ta' Frar 2005 l-istess konvenuta baqghet ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur **"A"** fl-affidavit minnu esebit iddikjara hekk bil-gurament:

*"Nistqarr li fid-9 ta' Marzu 2004 dhalt f'konvenju (gja' esibit mac-Citazzjoni bhala Dok. "C" ) sabiex nixtri appartament ghall-abitazzjoni tieghi u tat-tifla tieghi "C", li llum ghandha tnax-il sena, u li taghha ghandi kustodja kongunta ma' ommha "B", peress li ahna separati. Il-prezz tal-post kien tnejn u erbghin elf lira Maltin (Lm42,000). Il-kuntratt kellu jsir sat-30 ta' Gunju 2004, b'dan li eventwalment it-terminu gie mgedded sad-29 ta' Lulju 2004 (Dok. "F") minhabba l-fatt li kien ghad baqa' xi xoghlijiet mhux lesti u jiena ridt li jkunu lesti qabel nidher ghall-kuntratt. Hadt self mill-Bank Centrali ta' Malta, fejn jiena ili nahdem ghal dawn l-ahhar tletin sena, ta' disgha u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm29,500) (Dok. "B" esebit mac-Citazzjoni). Permezz ta' dan is-self, kelli bizzejjed flus il-bank sabiex inhallas il-bilanc, taxxi, spejjez legali, kummissjoni lis-sensar, ecc. Kelli ftit aktar minn sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000), li zammejthom ghall-lest ghall-kuntratt.*

*Gara li xahrejn wara li ghamilt il-konvenju, jigifieri f'Mejju ta' l-2004, hargu xi stocks tal-Gvern (prospett anness bhala Dok. "G") b'rata ghola minn dik li kont qed niehu fis-savings account li kelli ma' wiehed mill-banek lokali.*

*Peress li kien ghad baqa' ftit taz-zmien ghall-kuntratt, madwar xahar jew tnejn, iddecidejt li nuza dawn il-flus sabiex nixtri dawn l-istocks u nbieghhom bi profitt ftit wara. Bsart li l-prezz wara l-hrug ta' l-istock kien se joghla b'xi wiehed fil-mija, kif jigri ta' spiss, u ghaldaqstant barra nteressi ahjar, kont se naqla' (jew hekk hsibt) xi haga zghira fuq il-kapital tieghi.*

*Fil-fatt hekk ghamilt, u ddecidejt li nixtri l-istocks fuq isem it-tifla tieghi "C". Biex inkun cert li ma jkollix problemi wara, staqsejt kollega tieghi fejn mort biex napplika ghall-istocks tal-Gvern jekk inkunx nista' nirtira jew ahjar inbiegh daw l-istocks minhabba l-fatt li kienu se jkunu f'isem it-tifla. Niftakar li qalli "Mhux it-tifla tieghek din, int missierha wara kollox. M'ghandux ikollok problema." Dan il-kollega huwa habib tieghi, u ghalkemm ma nafx kemm ser jasal li jammetti li qalli dan id-diskors (ara Dok. "H"), jien niftakar car illi mxejt fuq il-parir tieghu.*

*Ghaddew ftit tal-jiem, hareg l-istock, rajt li l-prezz tela' b'wiehed fil-mija u ddecidejt li nbieghhom. Minn hawn beda l-gwaj. Il-brokers tieghi rreferewni ghad-Dipartiment tat-Tezor, minn hemm ghal ghand il-Borza ta' Malta, minn hemm ghal ghand avukat. Inghatajt parir nintavola rikors quddiem is-Sezzjoni Volontarja tal-Qorti Civili, liema rikors gie michud (Dok. "E" esebit mac-Citazzjoni). Kollox ghalxejn. Il-konvenju kien se jaghlaq. Ma stajtx nissogra nitlef id-depozitu fuq il-konvenju li kelli u l-bolla li kont diga` hallast, l-ispejjez tan-Nutar u spejjez legali ohra li kont ghamilt (Dok. "I" sa "M") u ghalhekk iddecidejt li nipprocedi xorta bil-kuntratt (Dok. "N" sa "R").*

*L-unika triq li kien baqaghli kien li nissellef dan l-ammont minghand xi hbieb sakemm b'xi mod, nohrog minn din il-basla li dhalt fiha bla htija u jigu rilaxxati l-flus lura lili. Ma stajtx niehu loan ohra mill-bank ghax diga` kont hadt il-massimu. Hekk jew hekk, ghidt mieghi nnifsi, illi fi ftit zmien il-problema tigi solvuta. Hekk ghamilt. Izda kontra ta' dak li hsibt, illum ilni kwazi sena nhallas interessi ta' madwar 8 fil-mija fuq dan is-self li jsarrfu f'aktar minn mitt Lira fix-xahar, spejjez legali u tal-Qrati, apparti l-ansjeta` u l-inkwiet li kelli nghaddi minnu tul dan iz-zmien, li*

*sfortunatament gie rifless anke fuq it-tifla tieghi, peress illi gejt kif ighid il-Malti, id wahda quddiem u l-ohra wara!*

*Hekk ma nistax nibqa' sejjer u jekk ma nirkuprax dawn il-flus ser ikolli nbiegh il-post b'detriment ghalija u ghat-tifla tieghi, li issa donnha ssettiljat wara l-ewwel xokk li hadet mis-separazzjoni tal-genituri taghha ftit tas-snin ilu. Sincerament ma nistax nifhem ghaliex qieghed ikolli nsofri dawn id-danni kollha meta diga` spjegajt x'gara u x'ma garax. Dawn huma flusi. Hargu mill-kont tieghi li kelli mal-Lombard Bank u gew trasferiti gewwa l-kont tieghi mal-Bank Centrali, u qieghed nannetti l-istatements tal-current, savings u fixed deposit accounts tieghi (Dok. "S" sa "U") bhala prova li l-flus hargu minn kontijiet tieghi. Hallast ghal-istocks tal-Gvern b'cekk tieghi u gibt l-annessa dikjarazzjoni mill-Bank Centrali dwar dan (dokument "V"). Ma hemm l-ebda dubju li t-tifla la wirtet xi flus u lanqas qatt kellha dawn il-flus. L-uniku zball li ghamilt kien li qghadt fuq parir verbali ta' kollega tieghi. Ghal dan l-izball inhoss li hallast aktar minn bizzejjed. Fil-fatt, sal-lum hallast madwar elfejn lira Maltin (Lm2,000) f'interessi zejda, spejjez legali, qrati, ecc. L-ex mara tieghi, "B", minkejja l-fatt illi m'ghadx ghandna relazzjoni li tghidilha mill-aqwa, mis-separazzjoni 'l hawn, ukoll offriet li tghinni ghaliex taf li fl-ahhar mill-ahhar, it-tifla taghha wkoll ghandha x'titlef jekk l-affarijiet jibqghu hekk.*

*Nitlob gentilment li fl-ahhar tintlaqa' din it-talba tieghi u nirringrazzja bil-quddiem lil din il-Qorti."*

Illi, fil-kors tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Josette Demicoli, xehdet ukoll, minn jeddha l-konvenuta **"B"**: -

*"Qed nigi mistoqsija jekk qrajtx l-affidavit li gie pprezentat minn zewgi, nghid illi iva, qrajtu issa. Qed nigi mistoqija jekk inix f'pozizzjoni li nikkonferma illi l-flus, l-ammont ta' dsatax-il elf lira Maltin (Lm19,000) illi kienu wzati sabiex inxtraw ix-shares, l-istokk f'isem it-tifla kienux proprjeta` tar-ragel tieghi, li llum jiena separata minnu, jiena kulma nista' nghid hu li t-tifla qatt ma kellha dan l-ammont ta' flus fuq isimha. Mill-provi li gew ipprezentati jiena nista' nghid*

*li dawn il-flus inhargu mill-kont ta' "A" biex inxtraw stokk f'isem it-tifla. Qed nigi mistoqija jekk jiena nsibx oggezzjoni li dawn il-flus jirritornaw lura ghand "A", nghid li jiena ma nsib l-ebda oggezzjoni, anzi nzid ukoll li nixtieq li t-tifla ma tergax ticcaqlaq mid-dar li qieghda tghix fiha ghax hija kuntenta hafna hemmhekk. Jiena hawnhekk qieghda nidher kemm bhala xhud u kif ukoll bhal omm tat-tifla u nhoss illi kemm jiena kif ukoll "A" nahsbu li dan ikun fl-ahjar interess tat-tifla."*

Illi fl-istess seduta, il-konvenuta wiegbet ghal domandi maghmula mill-kuratur tal-minuri b'dan il-mod:-

*"It-tifla ser taghlaq tlettax-il (13) sena f'Ottubru li gej. Mistoqsija jekk it-tifla qattx [kellha xi flejjes f'isimha] nghid li sa fejn naf jiena le, it-tifla kellha xi flus imgemmghin ghax konna gemmajnihomlha ahna pero` zgur li s-somma ma kinitx tammonta ghal dsatax-il elf lira Maltin (Lm19,000). L-ammont f'isem it-tifla kien madwar elf lira Maltin (Lm1,000), dan bih kienu nxtraw xi government stock illi ghadhom vigenti sal-lum. Dawn l-istocks li nxtraw f'isem it-tifla fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) ilhom hafna li nxtraw, minn hafna qabel din l-udjenza odjerna. Kienu nxtraw fiz-zmien li konna ghadna mizzewgin. Mill-bqija ghall-mistoqsija ta' jekk it-tifla qatt ircevietx xi donation ta' flus minghand il-familjari taghna nghid illi le. Hlief ovvjament ghal xi rigali zghar. Mistoqsija l-genituri tieghi x' jaghmlu, nghid li ommi hija chef u l-papa` llum-il gurnata huwa rtirat. Meta kien jahdem kellu confectionery. Nikkonferma bil-gurament tieghi lit-tifla qatt ma tawha flus. Mistoqsija dwar il-genituri ta' "A" nghid li missieru ilu mejjet xi dsatax-il (19) sena w ommu toqghod in an old people's home. Nikkonferma wkoll illi lit-tifla qatt ma tawha flus. Infatti minghand il-familjari taghha t-tifla qatt ma rceviet ammonti kbar ta' flus. Ahna sseparajna fis-sena elfejn u konna sseparajna permezz ta' kuntratt. Infatti t-tifla dak iz-zmien kellha madwar sitt snin."*

Illi fl-istess seduta, sar ri-ezami lill-konvenuta mill-konsulent legali taghha stess, fejn ix-xhud wiegbet : -

*"Qed nigi mistoqsija jekk apparti dak l-elf lira (Lm1,000) stocks li ghandha f'isimha t-tifla ghandhiex xi flus ohra, nghid li ghandha bank account Lombard Bank, pero` dan huwa f'ammont zghir."*

Illi f'dan stadju, ghal domanda ta' l-kuratur tal-minuri, l-istess konvenuta "B" spiccat tixhed: -

*"Qed nigi mistoqsija min jamministra dan il-kont bankarju tat-tifla, nghid illi skond il-kuntratt suppost namministrah jiena, pero` peress li r-ragel huwa bankier jiehu hsieb kollox hu u qatt ma kellna problemi dwaru."*

## (ii) KONSIDERAZZJONIJIET TAL-KURATUR TAL-MINURI.

Illi din il-Qorti taqbel mal-kuratur tal-minuri Dr. Ramona Frendo illi l-analizi ta' dan il-kaz ghandha tinbeda mill-Prospett ghall-hrug ta' l-*istocks* in kwistjoni li gie esebit mill-attur bhala Dok. "G". Il-Kundizzjonijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e), mehudin flimkien, jindikaw kjarament illi sabiex isir investiment ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000), dan ma setax isir f'isem persuna wahda, izda kellu necessarjament jigi maqsum f'zewg investimenti. Dan ghaliex, il-Kundizzjoni (e) tindika, testwalment: -

*"Applikazzjonijiet minghand applikant wiehed, li f'daqqa jeccedu hamsin elf lira Maltin (Lm50,000), imma ma jeccedux il-mitejn u hamsin elf lira Maltin (Lm250,000) jkunu maghmulin f'offerti* ***ghal minimu ta' hamsin elf u mitt lira Maltin (Lm50,100)*** *kull wiehed.* ***Applikanti taht din il-kategorija ma jistghux japplikaw ukoll taht il-paragrafi (d) u (f).*** *"* [Enfasi Mizjud]

Illi fil-**paragrafu (d)** kien hemm stabbilit illi: -

*"Applikazzjonijiet, minn xi applikant wiehed u / jew applikanti flimkien, li ma jeccedux hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) kull persuna jkunu lira b'lira.* ***L-applikanti f'din il-kategorija ma jistghux jaghmlu wkoll offerti taht il-paragrafi (e) u (f)*** *hawn aktar 'l isfel."* [Enfasi Mizjud]

Illi issa f'dan il-kaz, jirrizulta illi l-attur kellu ghad-dispozizzjoni tieghu u xtaq jinvesti fl-i*stocks* in kwistjoni l-ammont ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000). Dan kien necessarjament ifisser illi, galadarba ma kellux mitt elf u mitejn lira Maltin (Lm100,200) ma setax jinvesti s-somma kollha *ai termini* tal-paragrafu (e), u kwindi kellu necessarjament jaghmel l-investiment *ai termini* tal-paragrafu (d). Dan peress illi l-attur kien prekluz, *ai termini* tal-kundizzjonijiet appena citati, milli jaghmel investiment, f'ismu personali, kemm taht il-paragrafu (d) u wkoll taht il-paragrafu (e).

Illi galadarba l-attur xtaq jinvesti ammont li jmur *oltre* l-hamsin elf ira Maltin (Lm50,000) kellu, ta' bilfors, jaghmel dan l-investiment f'ismu u f'isem persuna ohra, *ai termini* tal-paragrafu (d) {effettivament, ghall-kompletezza biss, jidher illi l-investiment seta' sar fl-ammont ta' hamsin elf u mitt lira Maltin (Lm50,100) f'isem l-attur personalment taht paragrafu (e), bil-bilanc jigi investit f'isem terza persuna (f'dan il-kaz il-minuri) taht il-paragrafu (d)}. Fic-cirkostanzi, billi l-attur huwa separat legalment, u ghandu biss tifla wahda, jirrizulta logiku illi l-ghazla kienet ser taqa' fuq bintu, il-minuri "C". Ghalkemm qatt ma nghad dan espressament, jidher illi din kienet ir-raguni prattika ghaliex l-investiment sar, in kwantu ghas-somma ta' disgha u erbghin elf lira Maltin (Lm49,000) f'isem l-attur *proprio* u in kwantu ghas-somma ta' sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000), f'isem il-minuri "C", biex b'hekk l-attur investa s-somma kollha ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66.000) li huwa kellu a dispozizzjoni tieghu.

Illi *una volta* stabbilita r-raguni prattika ghaliex l-attur kellu qatt, minn fondi personali tieghu, jinvesti l-flus f'isem bintu minuri, allura wiehed ghandu jezamina s-sors tal-finanzjament ta' l-investiment in kwistjoni. Hawnhekk saret referenza ghar-rendikonti esebiti mill-attur, tad-diversi kontijiet illi huwa ghandu – *vide* Dok. "S" sa "U". Dawn juru ammonti illi jmorru *oltre* l-ammont ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000) investiti mill-attur, u allura huma kompatibbli ma' l-investiment minnu maghmul fis-sens li l-provenjenza ta' l-istess flejjes kienet dik appartenenti lill-attur.

Illi din il-Qorti bhall-kuratur tal-minuri thossha moralment konvinta wkoll illi l-ammont ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000) effettivament ingibed minn fondi ta' l-attur, u dan billi ezaminat id-dokument li jikkonsisti f'kopja ta' Rendikont tal-Kont Kurrenti bin-numru 71281 mizmum f'isem l-attur mal-Bank Centrali ta' Malta – li jindika debitu ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000) fl-20 ta' Mejju 2004 (Dok. "W"), proprju z-zmien meta saru l-*allotments* ta' l-i*stocks* in kwistjoni (*vide* Dok. "G" u Dok. "V"). Korroborazzjoni ulterjuri tinsab fid-dokument, u cjoe` korrispondenza elettronika, li giet esebita bhala Dok. "H", u fid-Dikjarazzjoni Formali mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, u mmarkata bhala Dok. "V". Dan kollu ma jhalli l-ebda dubju illi s-sors tal-finanzjament ghall-investiment in kwistjoni, kienu fondi ta' l-attur personalment.

Illi jibqa' ghalhekk li ssir l-analizi tal-mezzi finanzjarji tal-minuri "C", sabiex wiehed jeskludi illi effettivament il-fondi in kwistjoni setghu qatt kienu appartenenti lilha personalment. Fl-ewwel lok, hawnhekk si tratta ta' minuri ta' tlettax-il sena (u ta' tnax-il sena fiz-zmien illi sar l-investiment relattiv). Mix-xhieda tal-genituri kontendenti, u anke mid-dokumenti esebiti (Dok. "EP1" sa "EP4"), jirrizulta kjarament, illi l-minuri ma kellha ebda introjtu illi qatt seta' jippermettilha illi takkumula eluf ta' liri. Ma jidhirx illi qatt wirtet, jew kellha minn fejn tiret, ammonti daqshekk ingenti (*stante* illi missier l-attur miet qabel ma hija twieldet, mentri n-nanniet l-ohra huma lkoll hajjin). Sinifikanti l-fatt ukoll illi sahansitra l-konvenuta, minkejja l-istat ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, tirrikonoxxi illi dawn il-flus ma jistghux ikunu ta' bintha.

Illi kumment iehor li jehtieg illi jsir huwa fis-sens illi, qabel ma sar l-investiment in kwistjoni f'isem il-minuri "C", ma ngabet l-ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) – haga li kienet tkun mehtiega kieku effettivament hawnhekk si trattava ta' fondi appartenenti lill-minuri. Lanqas ma saret donazzjoni formali tal-fondi lill-minuri, illi ghalhekk qatt ma gew jappartjenu lill-istess minuri. Jirrizulta minn dan kollu illi l-minuri kienet biss *prestanome* utilizzat ghall-konvenjenza

ta’ l-attur, sabiex ikun jista’ jaghmel investiment, ghar-ragunijiet prattici, kif su-indikati (*vide* paragrafu 10 ta’ dan ir-Rapport).

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti tirreferi ghall-konkluzjoni raggunta minn Dr. Ramona Frendo bhala kuratur tal-minuri fir-rapport taghha datat 14 ta’ Novembru 2005 a fol. 130 sa fol. 143 tal-process fejn fl-istess jinghad li:-

*“Fic-cirkostanzi ghalhekk, l-esponenti thossha moralment konvinta illi l-investiment ta’ sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) fi stocks tal-Gvern (5% Malta Government Stock 2021, MT0000011164, li gie effettwat f’isem il-minuri “C”, effettivament sar minn fondi personali appartenenti lill-attur, u ghalhekk ma jidhirx illi hemm raguni ghaliex it-talbiet ta’ l-attur m’ghandhomx jintlaqghu. B’danakollu, il-minuri ma ghandha bl-ebda mod issofri spejjez in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri. ”*

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu jidher car li l-istess tranzazzjoni kienet wahda ghal kollox simulata u l-attur qatt ma kellu l-ebda ntenzjoni li jittrasferixxi xi fondi lil bintu, inkluzi dawk indikati fic-citazzjoni attrici. Ghalhekk a bazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha wkoll a bazi tal-konkluzjonijiet tal-kuratur deputat Dr. Ramona Frendo nominata sabiex tissalvalgwardja l-interess tal-minuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta “B”, u in vista’ ta’ l-osservazzjonijiet maghmula minn Dr. Ramona Frendo bhala kuratur sabiex tidher ghall-interess tal-minuri “C” kontenuti fir-rapport taghha datat 14 ta’ Novembru 2005, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-i*stocks* f’MSE A/c No. 242772, miftuh f’isem it-tifla minuri ta’ l-attur, “C”, fl-ammont ta’ sbatax-il elf 5% Malta Government Stock 2021 (MT0000011164),

Allotment Nru 4460579 jappartjenu effettivament lill-attur “A”;

2. Konsegwentement u *in vista* tad-dikjarazzjoni maghmula *ai termini* ta’ l-ewwel talba u ta’ l-**artikolu 35 Kap. 12 Ligijiet ta’ Malta**, tirrevoka, tannulla u thassar id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) Numru 545/2004, u taghti l-awtorita` necessarja u rikjesta sabiex l-attur ikun jista’ jiddisponi mill-investiment minnu maghmul f’isem it-tifla minuri tieghu “C”.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------